

32003D0894

L 333/88

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

20.12.2003

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Diċembru 2003

li tistabbilixxi l-arranġamenti għall-provi u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità fuq il-materjal propagattiv u tat-tħawwil tal-*Prunus persica* (L.) Batsch, *Malus Mill.* u *Rubus idaeus* L. b'segwiment tad-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE

(notifikata permezz ta' dokument numru K(2003) 4628)

(2003/894/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KE tat-28 ta' April 1992 dwar il-*marketing* ta' ta' materjali tal-propagazzjoni ta' pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott li huma ntiġi għall-produzzjoni tal-frott⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/111/KE⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 20(4), (5) u (6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 92/34/KE tipprowdi għall-arranġamenti meħtieġa li għandhom isiru mill-Kummissjoni għal provi u testijiet kumparattivi tal-Komunità għall-materjal propagattiv u tat-tħawwil.
- (2) L-arranġamenti tekniċi għat-twertieq tal-provi u t-testijiet kienu saru fi ħdan il-Kumitat Permanenti għall-Materjal Propagattiv tal-Pjanti u tal-Pjanti tal-Ġenera u l-Ispeċje tal-Frott.
- (3) Sejħa għall-proġetti (2003/C 159/08)⁽³⁾ kienet ippublikata għat-twertieq ta' dawn il-provi u t-testijiet imsem-mija hawn fuq.
- (4) Il-proposti kienu ġew assessjati skond il-kriterja għall-għażla u l-ġoti kif stabbiliti fis-sejħa ta' hawn fuq għall-proġetti. Il-proġetti, il-korpi responsabbli għat-twertieq tal-provi u t-testijiet u l-ispejjeż eliġibbli kif ukoll dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità li tkun korrespondenti għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli għandhom ikunu stabbiliti.
- (5) Il-provi u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità għandhom ikunu mwettqa fis-snin 2004 sal-2008 fuq il-materjal propagattiv miġbur fil-2003, u d-dettalji ta' dawn il-provi u t-testijiet, l-ispejjeż eliġibbli, kif ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità

għandhom ukoll ikunu stabbiliti ta' kull sena bi ftehim iffermat mil-uffiċjal awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-korp responsabbli għat-twertieq tal-provi.

- (6) Għall-provi u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità li jdumu aktar minn sena waħda, il-partijiet tal-provi u t-testijiet li jsegwu l-ewwel sena, għandhom ikunu awtorizzati mill-Kummissjoni mingħajr aktar referenza lejn il-Kumitat Permanenti dwar il-Materjal Propagattiv tal-Pjanti tal-Ġenera u l-Ispeċje tal-Frott, bil-kondizzjoni li l-appropriazzjonijiet meħtieġa jkunu disponibbli.
- (7) Rapreżentazzjoni adegwata tal-kampjuni inklużi fil-provi u t-testijiet għandha tkun assigurata, mill-anqas għal ċerti pjanti magħżula.
- (8) L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw fil-provi u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità, sal-limitu li l-materjal propagattiv tal-pjanti kkonċernati huwa normalment riprodott u ikkummerċjalizzat fit-territorji tagħhom, sabiex jassiguraw li konklużjonijiet xierqa jkunu jistgħu jittieħdu minnhom.
- (9) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Materjal Propagattiv tal-Pjanti tal-Ġenera u l-Ispeċje tal-Frott,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Il-provi u t-testijiet kumparattivi tal-Komunità għandhom jitwettqu fis-snin 2004 sa 2008 fuq il-materjal propagattiv tal-pjanti elenkati fl-Anness.

L-ispejjeż eliġibbli kif ukoll il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità għall-provi u t-testijiet għall-2004 għandhom ikunu kif stabbiliti fl-Anness.

Id-dettalji tal-provi u t-testijiet huma stabbiliti fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 10.

⁽²⁾ ĠU L 311, tas-27.11.2003, p. 12.

⁽³⁾ ĠU C 159, tat-8.7.2003, p. 19.

L-Artikolu 2

Sa kemm il-materjal propagattiv u t-tħawwil tal-pjanti elenkati fl-Anness ikun normalment riprodott jew ikkumerċjalizzat fit-territorji tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiġbru kampjuni ta' dan il-materjal u jagħmluhom disponibbli lejn il-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw għall-aspetti tekniċi bħal ma huma l-kampjunar u l-ispezzjonijiet relatati mat-twettieq tagħhom.

L-Artikolu 3

Suġġett għad-disponibilità fil-*budget*, il-Kummissjoni tista teddeċiedi li kompli bil-provi u t-testijiet kif stabbiliti fl-Anness matul is-snin mill-2005 sal-2008.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità li tikkorrespondi għall-80 % tal-ispejjes eliġibbli tal-provi jew it-testijiet li jitkomplew fuq dan il-bażi m'għandhomx jeċċedu l-ammont speċifikat fl-Anness.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Provi u testijiet li għandhom jitwettqu fl-2004

(euro)

L-ispeċje	Numru ta' kamjuni	Kondizzjonijiet li għandhom ikunu assessjati	Korp responsabbli	Spejjeż eliġibbli	Kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli)
Prunus Batsch (*) persica(L.)	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	ISPV Rome (I)	21 100	16 880
	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	GA-CEPV (E)Zaragoza	34 240	27 392
Malus Mill. (*)	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	NAKT Roelofar-endsveen (NL)	26 652	21 322
	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	CTIFL Paris (F)	23 450	18 760
Rubus idaeus L. (*)	60	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	NAKT Roelofar-endsveen (NL)	23 453	18 763
Kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità				103 117	

Provi u testijiet li għandhom jitwettqu fl-2005

(EUR)

L-ispeċje	Numru ta' kamjuni	Kondizzjonijiet li għandhom ikunu assessjati	Korp responsabbli	Spejjeż eliġibbli	Kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli)
Prunus Batsch (*) persica(L.)	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	ISPV Rome (I)	31 000	24 800
	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	GA-CEPV Zaragoza (E)	34 925	27 940
Malus Mill. (*)	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	NAKT Roelofar-endsveen (NL)	13 604	10 883
	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	CTIFL Paris (F)	18 125	14 500
Rubus idaeus L. (*)	60	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	NAKT Roelofar-endsveen (NL)	9 942	7 953
Kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità				86 076	

Provi u testijiet li għandhom jitwettqu fl-2006

(EUR)

L-ispeċje	Numru ta' kamjuni	Kondizzjonijiet li għandhom ikunu assessjati	Korp responsabbli	Spejjeż eliġibbli	Kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli)
Prunus Batsch (*) persica(L.)	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	ISPV Rome (I)	33 000	26 400
	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	GA-CEPV Zaragoza (E)	35 624	28 499
Malus Mill. (*)	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	NAKT Roelofar-endsveen (NL)	17 765	14 212
	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	CTIFL Paris (F)	28 773	23 018
Rubus idaeus L. (*)	60	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	NAKT Roelofar-endsveen (NL)	25 351	20 281
Kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità				112 410	

Provi u testijiet li għandhom jitwettqu fl-2007

(EUR)

L-ispeċje	Numru ta' kamjuni	Kondizzjonijiet li għandhom ikunu assessjati	Korp responsabbli	Spejjeż eliġibbli	Kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli)
Malus Mill. (*)	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	NAKT Roelofar-endsveen (NL)	18 013	14 410
Kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità				14 410	

Provi u testijiet li għandhom jitwettqu fl-2008

(EUR)

L-ispeċje	Numru ta' kamjuni	Kondizzjonijiet li għandhom ikunu assessjati	Korp responsabbli	Spejjeż eliġibbli	Kontribuzzjoni finanzjarja massima tal-Komunità (ekwivalenti għal 80 % tal-ispejjeż eliġibbli)
Malus Mill. (*)	50	Il-purità tal-varjeta u l-identità u s-saħħa tal-pjanti (fl-għelieqi) u s-saħħa tal-pjanti (fil-laboratorju)	NAKT Roelofar-endsveen (NL)	39 501	31 601
Kontribuzzjoni finanzjarja totali tal-Komunità				31 601	

(*) Provi u testijiet li jdumu aktar minn sena waħda.